# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Jannar, 2016.**

**Rikors Numru 1159/2015 SM**

**Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon (I.D. 114474 M)**
**kif debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali**
**ta' socjeta` estera` CATALYST MANAGERIAL SERVICES**
**ta' Unit No. 2H-08-183, Jewellery & Gemplex 2, Plot No.**
**DMCC-PH2-J&GplexS, Jewellery & Gemplex, Dubai, UAE**

**vs.**
**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Gerald Bonello**
**Kuraturi Deputati jirrapprezentaw lill-entita estera LIBYA-AFRICA INVESTMENT PORTFOLIO ta' 17$^{th}$ February Street, Tripoli, Libya, u dan b'digriet datat it-23 ta' Dicembru, 2015.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-7 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti *nomine* hu debitament awtorizzat jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` *Catalyst Managerial Services, (ara foll 7);*

1.2. Illi din il-procedura hi inizjata *ai termini* tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti u l-Bon Ordni, (L.S. 12.09), u tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000, dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali;

1.3. Illi permezz ta' sentenza tal-*High Court of Justice of England and Wales, Queen's Bench* Division, datata l-15 ta' Lulju, 2015, is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-entita` estera intimata fuq indikata fl-ammont ta' hmistax -il miljun erbgha mija u tnejn u ghoxrin elf, disgha mija u erbgha u ghoxrin dollar Amerikan, (USD 15,422,924.00);

1.4. Illi a bazi tar-Regolament Numru 44/2001 fuq gia` indikat ir-rikorrenti *nomine* esebixxa s-segwenti:

1.4.1. Certifikat datat is-26 ta' Novembru, 2015, rigward is-sentenza fuq imsemmija, (ara foll 8);

1.4.2. Kopja awtentikata tas-sentenza *de quo*, (ara foll 10);

1.5. Illi a bazi ta' l-istess Regolamenti fuq imsemmija s-sentenza in dizamina ghandha tigi rikonoxxuta u ghandha tigi reza ezegwibbli f'Malta minghajr il-htiega ta' procedura specjali;

1.6. Illi biex dan isehh fit-termini rikjesti ghandhom biss jigu mwettqa l-formalitajiet rikjesti fl-istess Regolamenti, liema formalitajiet huma lkoll sodisfatti;

1.7. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu l-interess jezegwixxi s-sentenza in dizamina f'Malta kontra l-entita` intimata fuq indikata *stante* li din ghandha assi materjali f'Malta li jistghu jissodisfaw il-kreditu taghha;

1.8. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* adixxa din il-qorti biex:

1.8.1. Tigi debitament rikonoxxuta u reza ezegwibbli s-sentenza in dizamina fuq indikata kontra l-entita` intimata;

1.8.2. Bl-ispejjez kontra l-imsemmija entita` intimata;

2. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti *nomine*;

3. Sodisfatta li d-dokumenti esebiti jikkonfiguraw fil-limiti tar-Regolamenti *de quo* fuq indikati;

4.0. Illi din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova l-kaz tieghu skont l-istess Regolamenti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-sentenza fuq riferita tal-*High Court of Justice of England and Wales, Queen's Bench Division,* datata l-15 ta' Lulju, 2015, tigi debitament rikonoxxuta f'Malta u ezegwita fil-gurisdizzjoni lokali kontra l-entita` intimata fuq riferita fl-ammont ta' hmistax il-miljun erbgha mija u tnejn u ghoxrin elf, disgha mija u erbgha u ghoxrin dollaru Amerikan, (USD 15,422.924.00);

4.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-entita` intimata.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**